Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7629/3/24
REV 3

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0195(COD)**

CODEC 776
ENV 284
CLIMA 110
FORETS 84
AGRI 207
POLMAR 9

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta[1] tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Jannar 2023[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Frar 2023[3].

4. Fis-27 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[4]. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

[1] 10607/22 + ADD 1 sa 15.
[2] ĠU C 140, 21.4.2023, p. 46.
[3] ĠU C 157, 3.5.2023, p. 38.
[4] 6985/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE- CONS 74/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Finlandja u l-Iżvezja jivvutaw kontra u l-Belġju u l-Awstrija jastjenu.

6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-ADD 1 REV 2 ta' din in-nota.

7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.